32000D0025

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-16 ta' Diċembru 1999

li tistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 9 tad-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE dwar it-trasbord ta' prodotti f' post ta' Spezzjoni fil-Fruntiera fejn il-konsenji huma intiżi għall-importazzjoni eventwali fil-Komunità Ewropea, u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/14/KEE

(notifikata bid- dokument numru C(1999) 4506)

(Test b' rilevanza ŻEE)

(2000/25/KE)

IL- KUMMISSJONI TAL- KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KEE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jiggvernaw l-organiżżazzjoni ta' kontrolli veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi [1], u partikolarment l-Artikolu 9(2) ta' dan,

(1) Billi huwa importanti li l-veterinarju uffiċjali responsabbli f' post ta' ispezzjoni fil-fruntiera jirċievi informazzjoni xierqa fil-każ ta' konsenji ta' prodotti li huma trasbordati qabel ma jkunu intordotti fl-EU f' postijiet ta' ispezzjoni oħra;

(2) Billi huwa approprjat li jkunu ddefiniti l-perijodi ta' żmien li jispeċifikaw il-kontrolli veterinarji li għandhom jiġu mwettqa;

(3) Billi huwa importanti li wieħed jispeċifika li l-konsenji ta' prodotti jridu jkunu sottomessi għas-serje sħiħa ta' kontrolli veterinarji stipulati wara t-tmiem tal-perijodu massimu prevedut;

(4) Billi r- regoli eżistenti għat-trasbord ta' konsenji ta' post ta' ispezzjoni fil-fruntiera huma stipulati fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/14/KEE [2] u jridu jkunu kkanċellati u rimpjazzati b' din id- Deċiżjoni;

(5) Billi l-miżuri li għalihom hemm provvediment f' din id-deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID- DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Meta konsenji ta' prodotti huma preżentati f' post ta' ispezzjoni fil-fruntiera għat-trasbord sussgwenti, l-persuna responsabbli għat-tagħbija trid tinnotifika 'l veterinarju uffiċjali responsabbli għall-post ta' ispezzjoni, fil-ħin tal-wasla u b' mezzi iffissati mill-awtoritajiet kompetenti, tal-ħin stmati tat-tħottija tal-konsenja, l-post ta' ispezzjoni fil-fruntiera tal-post ta' destinazzjoni, u jekk neċessarju l-post eżatt tal-konsenja.

Artikolu 2

Sabiex ikun applikat l-Artikolu 9(1)(b)(i) tad- Direttiva 97/78/KE:

— għal ajruport il-perijodu minimu għandu jkun 12 il-siegħa u l-perijodu massimu għandu jkun 48 siegħa.

— għal port tal-baħar il-perijodu minimu għandu jkun sebat' ijiem u l-perijodu massimu għandu jkun 20 ġurnata.

Artikolu 3

F' każijiet fejn il-perijodu massimu definit fl-Artikolu 2 ikun skorra l-konsenja trid tkun sottomessa għall-kontrolli elenkati fl-Artikolu 4 tad- Direttiva 97/78/KE, fuq il-post ta' ispezzjoni fil-fruntiera ta' l-introduzzjoni.

Artikolu 4

L-Artikolu 4 tad- Deċiżjoni 93/14/KEE hu issa kkanċellat.

Artikolu 5

Id- Deċiżjoni preżenti għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2000.

[1] ĠU L 24, tat-30.1.1998, p. 3.
[2] ĠU L 9, tal-15.1.1993, p. 42.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hi ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fis-16 ta' Diċembru 1999.

Għall-Kummissjoni
David BYRNE
Membru tal-Kummissjoni